Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2002

Numru 673/2002

**Pulizija**
**Spettur Alexandra Mamo**

**Vs**

**Joseph Chetcuti.**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Chetcuti ta’ 43 sena, bin George u Anne Frendo, imwieled

Pieta’ fl-20 ta’ Marzu 1959 u residenti Arzella, Triq il-Qaliet, M’Scala, detentur ta’ karta ta’ L-Identita’ bin-numru 224959M;

Talli f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, mill-fond

kummercjali u kopert b’licenzja, bl-isem ‘J Cat’s DVD Video Rentals’, sitwat Triq il-Qaliet, M’Scala, fl-1 ta’ Awissu 2002 u fil-jiem u fix-xhur ta’ qabel din id-data:

a) xjentement qaghad fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzij b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ numru ta’ Videos u DVDs, u oggetti ohra kollha ikkuppjati u foloz;

b) bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-Jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-Awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-jew that il-ligi ta’ Malta, u cioe’ numru ta’ videos u DVDs u oggetti ohra ikkuppjati u foloz, b’hekk gie jopera minghajr licenzja ai termini tal-Avviz Legali 120/92.

Wara illi rat l-Artikoli 298 (I)(f), 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Avviz Legali 120/92;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib

lill-imsemmi imputat Joseph Chetcuti hati ta’ l-imputazzjonijiet addebitati lilu.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, fil-waqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-

zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, ai termini tal-Artikolu 9, tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti, qeghda wkoll tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti ezebiti formalment.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------